TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 122/13-F

**Joseph u Josephine Gatt**

**vs**

**J.J. Scerri Co. Ltd.**

Illum 29 t'April, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Ġunju, 2013 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' ħames mija u għoxrin ewro (€520), rappreżentanti prezz ta' *fridge/freezer* li wara li nxtrat kellha l-ħsara.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw *fridge/freezer* f'Marzu 2012, u tul ix-xhur kien hemm diversi problemi u l-iktar ħaġa problematika hija li din il-*fridge/freezer* kienet qed tagħmel is-silġ, meta din il-*freezer* kienet 'no frost', u kienet qed tqattar l-ilma regolarment.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi t-tort huwa esklussivament tar-rikorrenti minħabba l-fatt illi r-*refrigerator* qed timtela iktar milli suppost, illi poġġew l-affarijiet fir-*refrigerator* fejn hemm il-ventilazzjoni fuq wara biex ma timblokkax il-moviment ta' l-arja, illi r-*refrigerator* tħalliet miftuħa għal perjodu twil u għaldaqstant is-soċjeta' ntimata mhi dovuta xejn.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi minkejja li r-rikorrenti għamlu dak kollu li kien mitlub minnhom xorta baqgħet bil-problema u allura bilfors kellu jaħtar espert tekniku li huwa l-Inġinier Emmanuel Scerri sabiex jeċċedi fuq il-post, jispezzjona l-*fridge/freezer* u jagħmel rapport fuq il-każ fejn ikkonkluda illi t-temperatura tal-*fridge* suppost tkun 4 gradi *celsius* imma kienet 8 gradi *celsius*, illi eżamina l-kontenut tal-*fridge* u sab li kien normali, u li fl-art kien hemm ftit ilma.

It-Tribunal, ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-avukat tas-soċjeta' ntimata u kif ukoll tal-avukat tar-rikorrenti.

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u ra r-rapport ta' l-espert tekniku, jinnota li din il-*fridge/freezer* verament għandha xi problema u minkejja li kienu jobdu l-istruzzjonijiet tal-istess soċjeta' ntimata, dina xorta baqgħet bil-problema.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas is-somma ta' erba' mitt ewro (€400), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi l-*fridge/freezer* tiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**